31994R1639

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1639/94
tal-5 ta' Lulju 1994
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 882/94 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi t-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffi u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Lulju 1994.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tal-10.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 103, tat-22.4.1994, p. 5.

ANNESS

Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-Kodiċi tal-Klassifika tan-NM	Ir-Raġunijiet
1	2	3
L-emulsjoni tal-bitumen naturali fl-ilma li tikkonisti minn madwar 70 % bitumen, 30 % ilma u 0,2 % aġent attiv tal-wiċċ sabiex jgħin jifforma l-emulsjoni. Il-għan tal-emulsjoni fl-ilma huwa sabiex jittrasporta l-bitumen. Il-prodott jintuża bħala karburant fi spiritieri speċjali: l-ilma jiġi eliminat bl-evaporazzjoni qabel jinħaraq il-bitumen.	2714 90 00	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2714 u 2714 90 00.